# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.7

**Kap 6: Ġesù qam tassew**

**Lezzjoni 6.7 – Wieqfa taħt is-salib**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

- jirrevedu l-istorja tal-passjoni ta' Ġesù;
- jiddiskutu kif setgħet ħassitha l-Madonna hemm taħt is-salib;
- jifhmu li għandhom jitolbu għal dawk li qed ibatu.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Animated – The Easter Story:
  https://www.youtube.com/watch?v=Y3UKd6LQKng
- The Resurrection
  https://www.youtube.com/watch?v=wq-NhRUIejo
- Restoring Faith in humanity
  https://www.youtube.com/watch?v=K2sQUvqDVr0
- Karta ta' Taħriġ 6.5 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tara x'jiftakru t-tfal mil-lezzjoni ta' qabel;
- Fakkar fil-personaġġi li jissemmew l-aktar fil-ġrajja tal-passjoni;
- Tista' tuża xi materjal mill-klipps li għandek hawnhekk.
- Semmi li l-aktra persuna li tiġbed il-qlub hija l-Madonna.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Staqsi lit-tfal x'jafu fuq il-Madonna u asal għal punt li l-Madonna kienet dik li ħabbet lil Ġesù tassew.
- Fakkar fl-esperjenzi li kellha fil-passjoni ta' Ġesù – meta kkundannawh – meta ħaduh għand Pilatu – il-mixja lejn il-Kalvarju – taħt is-salib tarah insulentat u qed imut.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.5 u wara li taqra s-silta pprepara ftit mużika ħafifa u stieden lit-tfal jaħsbu dwar talba lill-Madonna.
- Stieden lit-tfal jaqsmu t-talba tagħhom mal-oħrajn.



- Bil-mużika għaddejja stieden lit-tfal ipinġu l-istampa tad-Duluri.
- Iddiskuti Attività 3 u asal għall-punt li rridu nitolbu għal dawk li ħallew din il-ħajja.
- Uri l-video Restoring faith in Humanity u wara diskussjoni qasira uri li bħala bnedmin għandna bżonn min jgħinna. Din ser tkun miftuħa aktar għada.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)



1. Il-Madonna batiet ħafna taħt is-salib.
2. Għalkemm kienet qiegħda tbati baqgħet hemm taħt is-salib.
3. Nitolbu għal dawk li qed ibati.
4. It-tbatija tista' tkun minħabba mard, mewt, gwerra, ġuħ u affarijiet bħal dawn.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



It-tfal jitolbu għal min qed ibati.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Animated – The Easter Story:

  https://www.youtube.com/watch?v=Y3UKd6LQKng

- The Resurrection

  https://www.youtube.com/watch?v=wq-NhRUIejo

- Restoring Faith in humanity

  https://www.youtube.com/watch?v=K2sQUvqDVr0

## Nitolbu

Ġesù, għinni nagħmel dak li tikkmandi għall-glorja tiegħek. Għinni nkun b'saħħti biżżejjed biex inkompli nwettaq ir-rieda tiegħek anke meta ma japprezzawnix.

